# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001.**

**Numru 33**

**Citaz. Nru. 2352/00GV**

**Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd**

**vs**

**F.A.M.A. Distributors Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef tlett mija u sitt liri Maltin tmienja u erbghin centezmi (Lm4,306.48) rapprezentanti prezz ta' konsenja ta' zebgha lilha mibjugha u minnha accettata u dan skond statement hawn anness u mmarkat Dok. "A";

Premess illi ghalkemm interpellata sabiex thallas anke ufficjalment is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghmel ghat-talba tal-pagamenti, anzi ammettiet li dan id-debitu huwa dovut skond ittra mibghuta mill-avukat taghha li kopja hija hawn annessa u mmarkata Dok. "B", u ghalhekk l-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Charles Portelli ghan-nom u in rapprezentanza ta-socjeta' attrici Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd hawn annessa u mmarkata Dok. "C" ghall-finijiet tal-artikolu 167 *'et sequitur'* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta) u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija u sitt liri Maltin tmienja u erbghin centezmi (Lm4,306.48);

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Gunju, 2000 tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Charles Portelli;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**